# XBIEHA MITLUFA

Taf int bil-ġnejna fej' ix-xemx titnikker
u dwarha jonfħu l-bews l-ogħna-t-irieħ, —
ġnejna sabiħa tfewwaħ b'ward il-hena,
ġnejna ħemdija rieqda fil-mistrieħ?

Ħlomt qatt fis-sikta ta' xi lejl imqammar
—bl-għanja mitfija ta' fawwara mdejqa
u xtaqt li twelli sehmek fe' did-dinja
ħa' takbad dlonk tal-għanja s-sbejħa trejqa?

Hemm ġnejna sew fil-qalba t'art tfuliti
fejn inti, ħija, le ma tista' tmur,
għax tgħib ix-xemx u tiskot il-fawwara,
għax jitlef lewnu taħt nifsejk il-fjur.

Hemm waħda sew fil-qalba t'art twelidi
fej' lejl u nhar issib tagħna t-tfajliet
li bosta qalbhom twegħdet lil l-imħabba,
'ma ġgarfet ħolmthom qabel xej' ma nbniet.

Xi ħadd fl-imgħoddi waqqaf ħde' l-fawwara
xbieha ta' tfajla tkewwes bil-baħbuħ.
—Min-naħa 'rħilu l-ilma jidħol safi,
mill-oħra 'rħilu mniġġes jerġ' għall-ftuħ.

U t-tfajliet tagħna ssibhom dwar ix-xbieha,
u t-tfajliet hemm jeqfulek imnikktin,
l-għanja jissemmgħu tal-fawwara mdejqa,
dwarha mimduda, ħiemda, għajjenin.

Xbieha mitlufa, waħdek qalb il-ħdura
tal-ħass li bih iż-żmien ilu jgħattik,
xbieha ħosbiena, waħdek qe'd titliegħeb,
liema twiddiba siekta taħbi fik?

**Ros. Briffa.**

Marzu, 1929.

# ĊENSA U Ċ-ĊINE

Lil F. S. Caruana,
*Segretarju tal-Għaqda*

Ta' l-imwiet kienet għadha kemm daqqet, u Ċensa sabet ruħha mħejjija biex toħroġ, għax Pawlu tagħha wiegħdha li jeħodha ċ-ċine li kien għadu kif rama m'hux bogħod minnhom. Sajret u resqet fuq il-mejda hekk kif dalam, u f'radda ta' salib naddfet kollox, qaflet il-qattus fil-bitħa, tefgħet biċċa ħwejjeġ fuqha, u fuq l-ixkaffa ta' ħdejn il-bieb ħalliet musbieħ kemm kemm inewnem għal mita jarġgħu lura. Mita dehrilha li kollox f'loku xirfet fil-bieb, u resqet lejn Pawlu li kien qabbad sigarru bil-qiegħda fuq il-għatba.

Mita deherlu, Pawlu qam, hi ġibdet il-bieb u telqu.

Il-ġara, minn wara l-bieb tagħha mbexxaq, sellmet:

—"Donnok tħajjart, Ċens"—qaltilha.

—"X'tagħmel, Vitor, se' nara dal-ħali Ċine x'inhu".

—Sewwa, igħidu li fih x'tara, ħwejjeġ tal-għefiered, ħwejjeġ maħżuża jitħarrku. Dnub li kollox bil-flus. Minn għandu il-bżar iroxxu Ċens.

—Saħħa, Vitor—nagħmlu bħall-oħrajn!

Telqet, għax beżgħet li tasal wara li jkun beda.

Mill-bogħod lemħu żewġ bozoz tal-luċeretka fuq bieb il-maħżen li kienu jitfgħu roqgħa dawl f'nofs it-triq fejn kienu miġbura gods tfal, jidħku, jimbuttaw, jitbagħartu, quddiem żewġt inkwatri daks hiex imdendla, wieħed f'kull ġenb tal-bieb. Il hawn kien hemm maħżuż iljun, ħalqu miftuħ bi snienu barra,mixħut fuq bniedem imbiċċer,u fil-bogħod ħafna suwed imwerwrin jaraw lil seħibhom taħt dik id-dbiba. Innaħa l-oħra kienet maħżuża xbejba żagħżugħa nofs il-lbies, tisfen f'nofs ħafna Għarab kokka ma' dwarha jdaħħnu n-nargila u jċapċpu idejhom. Għoġbuha lil Ċensa dawk l-inkwatri imżewqa b'kull lewn, għafset kemm kemm driegħ Pawlu u qaltlu: "Ara xi ħlewwa ta' xebba, donna, barra minn dnubietha, anġlu tas-sema". Imbotta u ross, qajla qajla waslu fuq il-għatba, u Pawlu telaq erba' soldi fit-tieqa quddiem dak li jati l-biljetti.

—"Ohi, siks pens—qallu—għal tnejn min-nies".

—"Kullħadd żewġ soldi qalli—qabżet Ċensa — dan kif, għala?"

—"Il-lum biċċa ġdida"—qal dak tat-tieqa.

—"Niġu darb'oħra—qalet Ċensa—imxi Pawl".